Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Numru 192/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
**V**

**CHARLES sive CHARLOT CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHARLES sive CHARLOT CUTAJAR** ta' disgha w tletin sena bin il-mejjet Dominic u Odette nee Giacosa, imwieled Bormla nhar t-tmintax ta' Mejju 1963 u residenti 'Hibiscus', Triq il-Qaghliet, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita numru 275063M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2003 f'xi hin matul il-gurnata go Marsascala kkommetta serq ta' diversi oggetti minn go fond 'Sanomar' sitwat fi Triq il-Qaghliet, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, mezz u bil-



Qrati tal-Gustizzja

valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Mario Ellul;

2. talli fl-ghoxrin ta' Jannar 2003, f'xi hin matul il-gurnata go Marsascala kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb minn go fond 'Tabor', sitwat fi Triq il-Qaghliet, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Maria Grazia Farrugia;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-ghaxar liri maltin izda mhux l-hamsin lira maltin ghadf-detriment tal-istess Maria Grazia Farrugia;

4. talli nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2003, u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement b'kull mod li jkun, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg u cioe l-oggetti hawn fuq imsemmija kif wkoll vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni EAI 273, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

5. talli nhar il-hmistax ta' Novembru 2002 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jhew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahseb ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal set ta' number plates foloz [BBB 257] u licence disc falza [ta' vettura Cortina bin-numru KAP 125] fuq vettura tal-ghamla Honda Civic [numru ta' registrazzjoni EAI 273];

6. talli nhar il-hmistax ta' Novembru 2002 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoi jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' number plates foloz [BBB 257] u licence disc falza [ta' vettura Cortina bin-numru KAP 125] fuq vettura tal-ghamla Honda Civic [numru ta' registrazzjoni EAI 273];

7. talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru meta din il-vettura ma kienetx koperta b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma keinetx koperta b'polza t'assikurazzjoni;

8. talli sar recidiv b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittiv u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

9. talli fl-ghoxrin ta' Jannar 2003, f'dawn l-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli esibit a fol 23 et seq tal-atti.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat sitta ta' Marzu 2003 ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] esibit fl-atti markat bhala dokument JC 4 a fol 66 tal-atti odjerni.

Semghet lil imputat jammetti s-sitt, s-sebgha w t-tmien akkuza fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Frar 2003 kif jirrizulta mill-ezami li sarlu ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta' Frar 2004 kif jirrizulta a fol 237 tal-process.

Rat s-sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat markati bhala dokument X a fol 259, dokument Y a fol 271 u dokument Z a fol 273 tal-atti.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tlieta ta' Mejju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax ta' Marzu 2003 **xehed l-Ispettur Jeffrey Cilia** kif jirrizulta a fol 52 et seq tal-atti, fejn qal li nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2003 giet rappurtata lil Pulizija serqa mill-fond 'Tabor', Triq il-Qaliet, M'Scala minn certu Maria Grazia Farrugia li stqarret li meta waslet lura mix-xoghol ghall-habta tat-tmienja neqsin ghaxar ta' filghodu sabet li xi hadd kien dahlilha fil-post u serqilha ammont ta' dehebijiet. Illi gara li dakinhar stess ftit qabel dan r-rapport, il-Pulizija kienet irceviet rapport iehor ta' serqa ohra minn go residenza 'Sonamar' fl-istess triq. In effetti z-zewgt idjar huma attigwi u jinsabu boghod minn xulxin b'xi zewg bibien. Mario Ellul kien irrapporta li x'aktarx li d-dhul fir-residenza sajfija tieghu semmai saret mit-tieqa tal-bitha li sab miksura u minn gol-post insterqulu fost affarijiet ohra, xi Hi Fi equipment u ammont sostanzjali ta' deheb.

Illi mill-investigazzjoni preliminari mizmuma mill-Pulizija Ezekuttiva, rrizulta li minn dahal fiz-zewg fondi, ghamel dan mill-btiehi ta' wara u ghalhekk bdew l-investigazzjonijiet mal-girien.

F'xi hin il-Pulizija accedew fil-fond okkupat minn Mark Caruana u Vanessa Mifsud u fil-bitha taghhom, mal-hajt,

fil-fehma tal-Pulizija kien hemm xi skalar mal-hajt divizorju ghal mal-fond derubat "Sonamar". Illi ghalhekk Mark Caruana u Vanessa Mifsud gew arrestati w ammettew l-involviment taghhom fis-serq minn gor-residenza "Sonamar". Illi Mark Caruana u Vanessa Mifsud ikkonfermaw li kienu ltaqghu mal-imputat dakinhar stess u marru jixtru xi droga flimkien b'xi flus li allegatment kien qala l-imputat minn fuq s-serq li kien sar mill-fond "Tabor". Mark Caruana u Vanessa Mifsud komplew jsostnu mal-Pulizija li effettivament fil-fond "Sonamar" dahlu l-imputat u Mark Caruana billi qabzu fil-bitha ta' wara tar-residenza 'Sonamar" u serqu diversi oggetti waqt li Vanessa Mifsud, qadet barra ghassa fuq il-parapett. Vanessa Mifsud u Mark Caruana qalulu li kienu bieghu l-oggetti tad-deheb li kienu serqu.

L-Ispettur tkellem wkoll mal-imputat nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003, u dan cahad l-involviment tieghu fis-serqa mill-fond "Tabor", pero ammetta li ghen lil Vanessa Mifsud u lil Mark Caruana fil-bejgh tal-oggetti ricettati mill-fond "Sonamar" u li bil-flus li qalghu, marru jixtru d-droga Eroina lkoll flimkien. L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet li jinsabu esibiti fl-atti markati bhala dokument JC u JC 6 a fol 62 et seq.

Dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni l-Ispettur jghid li fl-ghoxrin ta' Mejju 2002, Joseph Zerafa mill-Birgu kien irrapporta li l-vettura tieghu kienet giet misruqa minn Triq Santa Marija f'Hal Tarxien, fejn kien halliha pparkjata.

Issa, fil-hmistax ta' Novembru 2002 kien hemm xi Pulizija tal-Mobile li dahlu jaghmlu patrol Manoel Island u raw din l-istess vettura pparkjata Manoel Island bil-bieba miftuha b'sett numri ta' registrazzjoni differenti minn dawk originali taghha. Din kellha fuqha in-numru BBB 257 li jaqblu mal-vettura Skoda proprjeta tal-imputat. hdejn din il-vettura kien hemm l-imputat u Kenneth Vassallo. Meta gew mistoqsija jekk il-vettura kienetx taghhom huma wiegbu fin-negattiv u telqu minn fuq il-post. Meta arrestaw lil imputat u staqsewh dwarha huwa cahad li kellu x'jaqsam maghha u lanqas ma kien f'posizjoni li jaghti spjiegazzjoni ghala l-pjanci tal-vettura tieghu spiccaw fuq din il-vettura

ghalkemm verbalment meta kienu qed jinvestigawh fuq iz-zewg serqiet tal-fondi residenzjali "Tabor" u "Sonamar" huwa stqarr maghhom li kien hu li wahhal il-pjanci fuqha. Ikkonferma wkoll li l-hwienet li ghamel investigazzjoni maghhom dwar is-serqiet ta' "Tabor" u "Sonamar" gew indikati lilu mill-imputat stess [vide fol 61].

Illi nhar l-ghaxra ta' Settembru 2003 **xehed Mario Ellul** kif jirrizulta a fol 142 et seq tal-atti fejn qal li hu kien gie misruq nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2003 bejn il-hamsa w s-sitta w nofs ta' wara nofsinhar u fix-xhieda li ta quddiem il-perit tekniku huwa ddeskriva l-oggetti li nsterqulu fosthom ammont ta' deheb u xi Hi Fi. Illi pero stqarr li wara xi zmien kienu baghtu ghalih il-Pulizija u wrewh numru ta'oggetti tad-deheb li huwa gharaf li kienu proprjeta tieghu.

Illi nhar l-erbgha ta' Novembru 2003 **xehdet Maria Grazia Farrugia** kif jirrizulta a fol 150 et seq tal-atti fejn ikkonfermat li fl-ghoxrin ta' Jannar 2003, hija rritornat lura d-dar wara gurnata xoghol u sabet li xi hadd kien dahlilha fil-fond residenza taghha "Tabor" u sabet li kienu serqulha diversi oggetti tad-deheb kif hija ddeskriviet quddiem il-perit tekniku nominat mill-Qorti.
Illi nhar l-ghaxra ta' Novembru 2003 **xehed Jesmond Baldacchino** kif jirrizulta a fol 160 et seq tal-atti fejn qal li huwa jahdem f'hanut tad-ditta Golden Lady Jewellery fiz-Zejtun u li fl-ghoxrin ta' Jannar 2003, waqt li kien qed jipprepara ghal St. Valentine's Day, gie fuqu certu Mark Caruana maghruf bhala ic-Cappu, u gablu tlett bicciet deheb, brazuletta u gizirana biex issarrafahomlu ghax kien indigenti. Huwa xtrahom ghal prezz ta' sebghin lira maltin. Mieghu kien hemm l-imputat odjern li gharfu presenti fl-awla u fil-presenza tieghu ghadda l-flus lil Mark Caruana. Huwa jghid li l-imputat u Mark Caruana marru ghandu f'zewg okkazzjonijiet dakinhar tal-ghoxrin ta' Jannar 2003 filghodu kif wkoll wara nofsinhar. Huwa xtara l-oggetti li gew murija lilu filghodu filwaqt dawk ta' wara nofsinhar ma xtrahomx. Huwa kkonferma li Mark Caruana kien qed jinnegozja mal-imputat tul in-negozju kollu.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2003 **xehdet Vanessa Mifsud** kif jirrizulta a fol 171 et seq tal-atti fejn kkonfermat li hija kellha proceduri fil-konfront taghha dwar serq mill-fond "Sanomar" pero kienu gew decizi. Spjiegat li dakinhar tas-serqa, l-imputat u Mark Caruana kienu dahlu jisirqu waqt li hija qadet barra fuq il-parapett ghassa. Rathom johorgu mill-fond diversi oggetti tad-deheb, xi speakers, stereo u television zghir. Ilkoll flimkien marru jbieghu dawk l-oggetti. B'mod partikolari spjiegat li l-oggetti tad-deheb marru jbieghuhom f'hanut Rahal Gdid faccata tal-Poliklinika li hu ta' certu Cassar. Pero l-imputat ma kienx maghhom dak l-hin ghalkemm akkumpanjhom biex jixtru d-droga bil-flejjes li gew moghtija lilhom mill-bejgh tad-deheb.

Meta **regghet xehdet** nhar s-sebgha ta' Jannar 2004**, Vanessa Mifsud** [vide fol 178] tghid li l-imputat kien wriha lira tad-deheb li qalilha li kien seraq dakinhar stess filghodu mill-fond "Tabor" u cioe d-dar fuq in-naha tax-xellug fejn kienet toqghod hi. Qalet wkoll li l-imputat mar biegh din il-katina z-Zejtun ghaliex kienet hi u Mark Caruana li wasluh pero qadet barra u ghalhekk ma kienetx f'posizzjoni li telabora fuq il-bejgh taghha.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 **xehed Mark Caurana** kif jirrizulta a fol 251 et seq tal-atti fejn ikkonferma li l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu dwar serq mill-fond "Sanomar" kienu gew decizi. Huwa spjiega li kien dahal fil-fond "Sanomar" fix-xahar ta' Jannar biex jisraq flimkien mal-imputat. Qal li minn gol-fond seraq diversi oggetti fosthom television, stereo, u xi deheb. Sussegwentement bieghu l-oggetti tad-deheb li kienu serqu u qasmu l-flus tal-bejgh taghhom. Mieghu kien hemm wkoll Vanessa Mifsud u fil-fatt fil-hanut bl-isem Golden Lady Jewellery dahlu biex jbieghu d-deheb u Vanessa Mifsud marret wkoll. Huwa spjiega kif dahal fil-fond adjacenti ghal fond tieghu "Sanomar" billi kissru hgiega li kienet taghti ghal bitha.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 **xehed Joseph Cassar** kif jirrizulta a fol 195 tal-atti fejn qal li hu ghandu hanut tad-deheb fil-pjazza ta' Rahal Gdid li jismu C. Cassar

Jewellers w ikkonferma li f'xi zmien kienu marru xi nies ghandu u xtara xi oggetti tad-deheb minn fuq l-idejn min ghandhom u fost l-affarijiet li kien xtara kien hemm oggett tad-deheb bil-kliem Ciniz. Illi hu kien kiteb il-partikolaritajiet minghand minn kien xtara l-oggetti fuq notebook li sussegwentement ghadda lil Pulizija Ezekuttiva. Muri ritratt esibit a fol 194, markata bhala dokument CS 4, ix-xhud gharaf il-kitba tieghu fuq l-istess ritratt u cioe dak markat bin-numru tnejn [2], li jindika li l-oggetti xtrahom minghand Mark Caruana u l-oggett bil-kliem Ciniz, muri fir-ritratt numru disgha [9]. Fil-fatt spjiega li qabel ma xtara l-oggetti minghand dan Mark Caruana, kien muri l-karta tad-identita tieghu. Xehed wkoll li kienet dahlet tfajla fil-hanut tieghu u kienet staqsietu jekk jixtru deheb minn fuq l-idejn. Illi dan l-istess oggett tad-deheb bl-ittri Cinizi, huwa deskritt minn Mario Ellul fil-lista tal-oggetti li ta lil espert tekniku dwar l-oggetti li nsterqulu mill-fond "Sanomar" [vide fol 116].

Illi nhar l-erbgha ta' Novembru 2003 **xehed PC 1553 Saviour Spiteri** kif jirrizulta a fol 154 et seq tal-atti fejn qal li waqt li hu kien qed jeskorta lil imputat l-Qorti flimkien mal-Ispettur Jeffrey Cilia, l-imputat verbalment qallu li kien hu li wahhal il-pjanci fuq il-vettura ghalkemm stqarr li ma kienx hu li kien ha din il-vettura.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 **xehed PC 310 Anthony Meli** kif jirrizulta a fol 239 u esibixxa kopja tal-okkorrenza relattiva ghas-serqa tal-vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni EAI 273 ta' Joseph Zerafa nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 **xehed Brian Farrugia rappresentant tal-Licencing Officer,** kif jirrizulta a fol 243 tal-atti fejn ikkonferma li l-vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni EAI 273 hija registrata fuq Joseph Zerafa u kienet giet rappurtata nieqsa maghhom b'effett mill-ghoxrin ta' Mejju 2003.

Illi **l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri** u lanqas ressaq xhieda in difesa tieghu **ghalkemm kien irrilaxxja z-zewg stqarrijiet** imsemmija aktar 'l fuq.

Illi fl-istqarrija markata bhala dokument JC esibita fol 62 tal-atti, l-imputat jichad li kien dahal jisraq miz-zewg fondi "Tabor" u "Sanomar" kif suggerit lilu mill-Ufficjal Investigattiv. Qal pero li jiftakar li fl-ghoxrin ta' Jannar 2003 huwa kien d-dar fil-gallarija jistenna lil certa Vanessa Mifsud u lil Mark Caruana johorgu mid-dar biex jmorru d-Detox flimkien. Fuqu kellu tmenin lira u huma u gejjin lura mid-Detox waqfu jixtru d-droga kokaina li effettivament kienu hadu wkoll flimkien. Qal li Mark Caruana u Vanessa Mifsud aktar tard dakinhar qalulu li kienu akkwistaw xi oggetti tad-deheb u staqsewh jekk kien jaf fejn setghu jbieghuhom. Huwa ghalhekk ghenhom jghabbu l-oggetti fil-karozzi u cioe d-deheb u xi television u saqu ghaz-Zejtun. Jghid li Mark Caruana kien qallu li kien jaf persuna z-Zejtun u li filghodu dakinhar stess kien diga biegh xi deheb hemmhekk, pero dan taz-Zejtun ma kienx xtara u biegh t-television lil xi hadd b'karozza hemmhekk hdejn il-Klabb tal-Bocci u xi oggetti ohra Bormla ghal prezz ta' ghoxrin lira maltin. Mistoqsi jekk il-gakketta tal-bughaddasa li kellu fl-ufficju l-Ispettur kienetx giet misruqa mill-fond "Sanomar", ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Fl-istqarrija markata bhala dokument JC 6 esibita a fol 68 tal-atti, huwa jichad li kellu x'jaqsam mal-vettura tal-ghamla Honda Civic li nstabet Manoel Island fil-vicinanzi taghhom. Mitlub jaghti spjiegazzjoni dwar x'kienu qed jaghmlu l-pjanci tal-vettura tieghu tal-ghamla Skoda fuq il-vettura, l-imputat wiegeb li xi zmien qabel kien habat bil-vettura tieghu ix-Xghajra ta' Haz Zabbar u kien halla l-vettura tieghu hemmhekk. Mistoqsi jaghti dettalji ma min kien habat jew meta, l-imputat ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza hemm diversi principji legali li l-Qorti ghandha tissottolinea qabel ma tibda telabora fuq il-fatti specie tal-kaz fosthom il-principju ta' xhieda ta' komplici, b'mod partikolari jekk tali xhieda ghandhiex teffettwa lil imputat.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:

*"Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici ix-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."*

Din il-Qorti ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Dicembru 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Said et**, fejn dik il-Qorti elaborat fuq il-princpju fuq imsemmi, irriteniet li:

*"Il-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, per necessita, trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux biss ghal veracita tal-versjoni ta' dik ix-xhieda, fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni, tigi stabbilita nexus criminis bejn din il-versjoni u l-akkuzat."*

Trid tkun korroborazzjoni li twassal bla dubbju dettat mir-raguni, ghal konvinciment morali li l-attivita kriminuza allegata minn Mark Caruana u Vanessa Mifsud fix-xhieda taghhom verament giet imwettqa mill-akkuzat. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputat Charles sive Charlot Cutajar ma jregix.

Kif tajjeb osservat il-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-ghoxrin ta' Frar 1986*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Hili et**:

*"Ir-regola dwar il-korroborazzjoni twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq xhieda ta' persuna li hi stess kriminali. Ghalhekk dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli l-istorja tal-komplici u li jkun ragjonevolment safe li wiehed joqghod fuqha. Il-ligi ma tirrikjedix li x-xhieda tal-komplici tkun korroborata minn xhieda ohra, dak li tirrikjedi hu korroborazzjoni minn cirkostanzi ohra. Ma hemmx bzonn konferma indipendenti ta' kull ma jghid l-komplici."*

**Illi dwar l-ewwel akkuza**, u cioe dik ta' serq mill-fond 'Sonamar" il-komplici Mark Caruana u Vanessa Mifsud jghidu li effettivament s-serq gie kommess mill-imputat li kien ma Mark Caurana u dan billi qabzu fil-bitha ta' dina r-residenza mill-fond li kien qed juza l-istess Mark Caurana, waqt li Vanessa Mifsud qaghdet barra fuq il-parapett ghassa. Qal wkoll li wara mar ibiegh r-res furtiva konsistenti f'deheb f'hanut fil-pjazza ta' Rahal Gdid. Qal wkoll li d-dhul kien permezz ta' sgass mill-bitha ta' wara fl-istess fond.

Mario Ellul, d-derubat tal-fond "Sonamar", meta xehed quddiem l-espert tekniku John Sacco, jaghti lista ta' oggetti li nsterqulu fosthom lucky charm tad-deheb b'kitba Cinza fuqha. Illi muri r-ritratt markata bhala dokument CSH 4, esibit fl-atti a fol 194, hu ndika l-oggett tad-deheb li l-Ufficjal tal-Pulizija kien eleva minghand Joseph Zerafa fuq l-informazzjoni moghtija lilu minn Vanessa Mifsud u Joseph Cassar jikkonferma li dak l-oggett kien xtrah minghand Mark Caruana.

Illi ghalhekk ix-xhieda ta' Mark Caruana dwar il-bejgh tar-res furtiva hija korroborata mix-xhieda ta' Joseph Cassar li jghid li xtara d-deheb minghand Mark Caruana.

In oltre, il-*modus operandi* tas-serq mill-fond "Sonamar" kif deskritt minn Mark Caruana, huwa korroborat minn dak li qal l-espert tekniku dwar d-dhul fl-istess fond "Sonamar" u cioe li dan sar permezz ta' ksur ta' hgieg ta' tieqa li kien hemm fil-bitha.

Mario Ellul jikkonferma li hu sab t-tieqa tal-kcina tieghu li taghti ghal bitha, miksura.
Illi b'hekk ix-xhieda tal-komplici Mark Caurana u Vanessa Mifsud hija korroborata minn indizzji ohra kif fuq spjiegat u konsegwentement din il-Qorti issib lil imputat hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz stante l-isgass li sar fil-fond, bil-valur stante l-valur tal-oggetti, kif deskritt minn Mario Ellul, li jeccedi l-mitt lira maltin u bil-lok stante li l-fond "Sonamar" huwa r-residenza ta' l-istess Mario Ellul.

**Dwar t-tieni akkuza**, u cioe dik ta' serq mill-fond "Tabor", hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda tal-komplici Vanessa Mifsud u Mark Caruana. Vanessa Mifsud kif jirrizulta a fol 178 tal-atti, tghid li l-imputat qalilha li kien hu li dahal f'fond li jinstab fuq in-naha tax-xellug tad-dar fejn kienet toqghod hi u seraq xi oggetti fosthom katina tad-deheb li sahansitra wriha. Qalet wkoll li hija akkumpanjat lil imputat flimkien ma Mark Caruana biex jbiegh din il-katina tad-deheb f'post fiz-Zejtun. Qalilha wkoll li kien seraqha dakinhar stess filghodu. Mark Caruana jikkollobora dak li qalet Vanessa Mifsud a fol 251 et tal-atti billi jghid li l-imputat qallu lli kien seraq tlett bicciet deheb mill-fond "Tabor" u li kien mar jakkumpanjah sabiex jbiegh dan l-istess deheb li l-imputat qallu li kien seraq, gewwa hanut z-Zejtun liema hanut jismu Golden Lady.

Jesmond Baldacchino, sid il-hanut Golden Lady jghid li nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2003, kien mar fil-hanut tieghu certu Mark Caurana flimkien mal-imputat biex jbieghu xi oggett ta-deheb fosthom brazuletta u gizirana. Jghid li xtrah ghal prezz ta' sebghin lira maltin.

Illi skond r-relazzjoni tal-espert tekniku John Sacco, dakinhar tal-ghoxrin ta' Jannar 2003, verament insterqu tlett bicciet deheb mill-fond "Tabor", kif kienet ikkonfermat sid il-fond Mary Grace Farrugia.

Illi ghalhekk ix-xhieda ta' Mark Caruana hija korroborata mill-evidenza cirkostanzjali u konsegwentement il-Qorti issib lil imputat hati ta' din t-tieni akkuza ta' serq aggravat bil-mezz, stante li l-oggetti misruqa ghandhom valur ta' aktar minn mitt lira maltin, bil-lok, stante li l-fond huwa r-residenza ta' Mary Grace Farrugia u bil-mezz, stante l-isgass li sar fil-fond sabiex l-imputat ottjena d-dhul fih.

**Illi t-tielet akkuza** hija dik ta' hsara voluntarja kawzata ghad-dannu ta' Mario Ellul, u cioe sid il-fond "Sonamar" u Mary Grace Farrugia, sid il-fond "Tabor".

Minn ezami tal-atti jirrizulta li l-hsara riskontrata kienet biss limitata ghal fatt tal-isgass fuq l-aperturi tad-dar u ma

jirrizultax li kien hemm xi tip ta' hsara indipendentement minn dik kagjonata bl-istess sgass ghad-dhul illegali.

Ghalhekk din l-akkuza ta' danni voluntarji, serviet biss ghal mezz ghal fini u ghalhekk - biss ghal fini ta' piena - ghandu jigu kompriz w involut fl-ewwel zewg akkuzi ta' serq. Infatti l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 jiddisponi li:

*"Meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, gew kkwalifikati jew semplici, ghandha tinghata piena ghar-reat aktar gravi…"*

Mid-dicitura tal-ligi johrog car li fejn jinholqu dawn ic-cirkostanzi mhux ma jkunx hemm htija, izda ghall-fini tal-piena biss, din tigi assorbita f'dik tar-reati aktar gravi, imma r-reat per se jissusisti u l-piena tieghu tigi assorbita f'piena ohra akbar.

Fi kliem il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-Noti tieghu ***Notes on Criminal Law*** - part 1 - pg 167 [1963 Edit.]

*"…where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime [i.e. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence] and are linked to one another by the nexus of means to an end, then although each of the several offences, can be linked to specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded. This is the application of the method of 'assorbimento' "*

Illi fil-kaz ta' dawn iz-zewg serqiet jidher mill-atti tal-process verbal li l-hsara kagjonata kienet relatata w intiza biss ghal fini tal-isgass. Ghalhekk f'dan l-kaz il-hsara kienet sinonima mal-kwalifika tal-mezz tar-reat ta' serq u kommessa ghall-istess fini.

**Dwar ir-raba akkuza**, l-imputat huwa akkuzat li rricetta vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni EAI 273. Issa minn ezami tal-provi jirrizulta bla dubbju dettat mir-raguni li Joseph Zerafa rrapporta il-vettura tieghu tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta'

registrazzjoni EAI 273 giet misruqa minn Triq Santa Marija f'Hal Tarxien fejn kien halliha ipparkjata. Illi l-imputat Charles sive Charlot Cutajar, ammetta mal-Ufficjal Investigattiv fil-presenza ta' PC 310 verbalment li huwa kien biddel in-number plates tieghu billi pogga s-sett tal-vettura tal-ghamla Skoda tieghu bin-numru ta' registrazzjoni PVB 257 fuq il-vettura Honda Civic u skond ix-xhieda ta' Brian Farrugia, dawn in-number plates misjuba fuq l-Honda Civic, kienu jghajjtu lil vettura tal-imputat.

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-pussess tal-oggett ricettat. Dwar ix-xjenza, il-Qorti hija tal-fehma li din giet wkoll ppruvata, cioe li l-imputat kien jaf li l-oggetti ricettati kellhom provenjenza illecita ghaliex fil-fatt biddel in-number plates sabiex ma tingharafx minn sidha f'kaz li jarha ghaddejja fit-triq.

**Dwar il-hames akkuza**, u cioe dik kontemplata fl-artikolu 188 tal-Kap 9, u cioe li ghamel dikjarazzjoni falza billi ta taghrif falz, il-Qorti semghet lil istess Ufficjal Investigattiv u PC 310 jghidu li l-imputat wahhal il-pjanci tal-Iskoda proprjeta tieghu fuq vettura ohra u b'hekk gie li ta informazzjoni falza u cioe b'dak li ghamel l-imputat wera lil terzi taghrif falz billi espona karozza fuq triq pubblika b'dokumentazzjoni falza u cioe li ma kienetx taghha.

**Dwar s-sitt, s-sebgha w t-tmien akkuza**, il-Qorti ma hija ser tghid xejn stante l-ammissjoni tal-imputat ghal tali akkuzi registrata fl-atti.

**Dwar d-disgha akkuza**, u cioe dik ta' pussess ta' droga Kokaina, il-Qorti taghmel referenza ghall-istqarrija tal-imputat markata bhala dokument JC a fol 62 et seq tal-atti odjerni fejn l-imputat jammetti li xtara u kkonsma d-droga Kokaina. Id-Difiza pero sostniet li din l-ammissjoni tal-imputat li ha w ikkonsma d-droga Kokaina ma hiex bizzejjed biex il-Prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-element materjali tar-reat u dan peress li fil-fehma tieghu, dak li kien xtara setgha ma kienx verament Kokaina.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija ***nhar s-sitta ta' Jannar 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Shara O'Niell** fejn gie ritenut li:

*"Huwa veru li fl-assenza ta' sejba ta' droga u fl-asenza tal-analizi taghha, jista jkun hemm cirkostanzi li jitfghu dubbju kemm verament l-oggett li dak li jkun, ikun xtara kien droga projbita mill-ligi. Mill-banda l-ohra, meta si tratta ta' oggett li jigi kkunsmat, tkun haga assurda li wiehed jippretendi li* <u>*f'kull*</u> *kaz, sabiex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab wkoll xi droga jew tracci taghha jew oggetti relatati mal-abbuz ta' droga."*

Dik il-Qorti kkonkludiet billi qalet li jekk Qorti tkun sodisfatta li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe f'dan il-kaz, li l-imputat verament kellu l-Kokaina u mhux xi "oggett" iehor, allura l-htija tista tigi bbazata esklussivament fuq tali ammissjoni.

In vista ta' dawn r-ragunijiet u tal-provi mismugha l-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova din l-akkuza.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat il-kondotta tal-imputat li ma hiex wahda felici u mill-fedina penali tieghu esibita a fol 7 et seq tal-atti odjerni, jirrizulta li ghandu diversi convictions inkluz diversi kazi ta' serq aggravat qabel il-kaz in desamina, fejn seraq jew ittanta jisraq bi sgass minn diversi djar ta'abitazzjoni, kif wkoll pussess ta' droga. Mill-istess fedina penali jidher li l-imputat inghata aktar minn opportunita wahda mill-Qrati biex jirriforma ruhu, izda sfortunatament ghalih u ghal vittmi tar-reati kagjonati minnu, xorta wahda baqa ghaddej bil-hajja tieghu u jahbat dufrejh mal-ligi, daqqa b'reati minimi u daqqa b'reati ferm aktar serji.

Illi wiehed irid jzomm quddiem ghajnejh li r-reat ta' serq bi sgass minn go djar ta' abitazzjoni, apparti mit-telf pekunjarju li jikkaguna, johloq trawma kbira lil persuna derubata tal-membri tal-familja tieghu, liema trawma gieli

ddum s-snin biex tintesa. Huwa d-dover tas-socjeta li tittutela d-dritt ta' kull cittadin Malti li jhossu sikur ghal inqas gewwa daru u jekk is-socjeta dan ma tghamlux, tkun qed tonqos minn wiehed mill-obbligi bazalari taghha versu c-cittadin li jifforma parti minnha. Ir-reat ta' serq minn djar t'abitazzjoni, flimkien mal-pussess ta' droga ghandhom jigu kunsidrati bhala reati u b'mod partikolari, fejn ikun ripetut, bhal fil-kaz in desamina, il-piena trid isservi mhux biss bhala deterrent, imma protezzjoni lic-cittadin kontra minn ghazel li jghix billi jintefgha ghal hajja tad-delinkwenza, minkejja li jkun inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jbiddel hajtu, tant li fil-passat l-imputat kien inghata pieni ta' amendi, multi, sentenzi ta' prigunerija sospiza, probation orders u unconditional discharges, kif wkoll ordni ta' probation u dan f'diversi okkazzjonijiet.

Illi din il-Qorti semghet wkoll lil Psikjatra Doctor Joseph Spiteri jghid li l-imptuat ghandu problema ta' droga kif wkoll problemi serji fil-personalita tieghu tant li ghad ghandu espisodji ta' psikozi. Il-problema tal-imputat hija dik konnessa mal-abbuz tad-droga ghaliex dan jghamlu paranoju u psikotiku, fil-fatt kien ghamel progress kbir waqt li kien il-habs. Fil-fehma tieghu l-imputat ghamel progress kbir f'sahhtu.

**Il-Qorti, rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, 325, 334, 188, 189, 49, 50 u 289 tal-Kap 9, l-artikolu 3 tal-Kap 104, l-artikoli 15 u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17 u 31 tal-Avviz Legali numru 128/1994, u tiddikjara li qed ssib lil imputat CHARLES sive CHARLOT CUTAJAR hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs mill-lum.**

**Tordna li l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv m'ghandux jitnaqqas mill-piena inflitta fuq l-imputat llum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------